Ref: 25/6/194/13

KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 25 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 7 ta' Awissu 2013. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Ray Attard, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Steve Axisa w il-Kunsillier Tyrone Muscat kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Il-kunsillier Steve Axisa dahal ghal-laqgha fis-6.20pm.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .23 tas-Sitt Legislatura**

**Korrezzjonijiet**

1.1 – Re: Item 4.1 – ghandu jinbidel il-kliem minn konferenza ohra ghal konferenza tal-ahbarijiet.

1.2 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Materji Konnessi**

1.3 – Re: Item 6.4 – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar l-*upgrade* tal-wi-fi fi Gnien Pawlu Boffa. Is-Sindku qal li Banif Bank ser jissponsorja l-wi-fi fi Pjazza Antoine De Paule.

1.4 – Is-Sindku qal li xi haddiema tal-Melita p.l.c. kissru l-bankina fi Triq is-Sorijiet, Paola. Wara diskussjoni, gie deciz li tintbaghat ittra bl-avukat lil Melita plc biex titranga din il-hsara u jitwaqqfu l-pagamenti pendenti mal-Melita.

**Minuti tal-Laqgha Nru .24 tas-Sitt Legislatura**

**Korrezzjonijiet**

1.5 – Re: Item 3.4 – ghandu jizdied dan il-kliem "Patri Gwakkin inghata rikonoxximent ghas-servizz li ta fil-komunita' u fil-Kunvent ta' Ghajn Dwieli.

1.6 – Re: Item 8.1 – id-data triq tinbidel minn nhar l-Erbgha 10 ta' Awissu 2013 ghal nhar l-Erbgha 7 ta' Awissu 2013.

1.7 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Materji Konnessi**

1.8 – Re: Item 1.1 – Il-Kunsillier Attard staqsa x'gara dwar l-appell li sar fuq it-*tender no 03/13 Cleaning of Public Convenience*. Is-Sindku qal li ghadna qed nistennew mill-bord tal-appell.

1.9 – Re: Item 2.2 - Is-Sindku qal li l-ammont fis-sena huwa ta' €200 ghal Memo 16/2013 dwar Kontribut finanzjarju ta' Kunsill Lokali ghall-xiri ta' materjal edukattiv ghall-iskejjel.

1.10 – Re: Item 2.3 – Is-Sindku qal li ser jitpoggew bins fl-akwata fejn ser issir l-attivita'.

1.11 - Re: Item 2.4 – Is-Sindku qal li kellem lill-klijent ta' Micallef & Ellul Advocates.

1.12 - Re: Item 2.5 – Is-Sindku qal li hu w il-Kunsillier Ray Attard ser ikollhom laqgha mal-Mepa dwar il-*Local Plan for Paola.*

## 2) Korrispondenza

2.1 – Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Dwar Memo 17/2013 dwar Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghal *Streaming* tal-Laqghat *On Line* l-Uzu tal-*Internet Banking* biex il-kunsill japplika sad-9 ta' Awwissu 2013. Gie deciz li ssir l-applikazzjoni.

2.2 – Ittra mill-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan Banda Paola - Is-Sur Caruana baghat ittra biex issir laqgha mal-Kunsill Lokali Paola bi thejjija ghall-attivita' Notte a Casal paola li ser issir nhar is-Sibt 14 ta' Settembru 2013. Gie deciz li ghal-laqgha jattendu s-Sindku, il-Kunsilliera Lynch u Delezio.

2.3 – Invoice ghall-ammont ta' €420 mill-Kumitat Festa Kristu Re – Paola - Gie deciz li l-Kunsill Lokali Paola jisponsorjaha l-ammont ta' €250 u tigi pprezentata l-invoice minn fejn inxtraw t-trophies tal-Karnival 2013 u jithallas dirett.

2.4 – Ittra mill-Ghaqda Nar u Armar Parrocca Madonna ta' Lourdes Paola A.D.2005 – Is-Sur Antoine Calleja baghat ittra biex il-kunsill ihallas €100 tar-reklam li deher fil-programm tal-Festa 2013. Il-membri prezenti approvaw.

## 3) Post Mortem Festa

3.1 – Saret diskussjoni dwar il-Festa Kristu Re 2013. Is-Sindku qal li ser issir laqgha mal-kazini kollha dwar dan.